32005D0005

ID-DECIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Diċembru 2004

li tfassal l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żrieragħ u materjal għall-propagazzjoni ta' ċertu pjanti ta' speċi agrikola u veġetali u ta' dwieli taħt id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE għas-snin 2005 sa l-2009

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 5264)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/5/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żrieragħ ta' pjanti għall-għalf ([1]), u b with mod partikolari l-Artikolu 20 (3)(4) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta`Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta` żrieragħ ta' pjanti taċ-ċereali ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 20 (3)(4)u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta` April 1968 dwar it-tqegħid fis-suq ta` materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja ([3]), b'mod partikolari l-Artikolu 16 (3)(4)u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/33/KEE tat-28 ta` April 1992 dwar it-tqegħid fis-suq ta` materjal għall-propagazzjoni veġetali u materjal għat-tħawwil veġetali, ħlief żrieragħ ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(4)(5) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta'Ġunju 2002 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3)(4) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta'Ġunju 2002 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-ħxejjex ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3)(4) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta'Ġunju 2002 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-patata ([7]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3)(4) u (5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra ([8]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23 (3)(4) u (5) tagħha;

Billi:

(1) Id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 92/33/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE, 2002/56/KE u 2002/57/KE jipprovdu għat-twettiq ta' l-arranġamenti meħtieġa, mill-Kummissjoni, għall-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq żerriegħa u materjal għall-propagazzjoni.

(2) L-arranġamenti tekniċi sabiex jitwettqu l-provi u t-testijiet saru fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal Għall-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Foresterija.

(3) Sejħa għall-proġetti għat-twettiq ta' dawk il-provi u testijiet ġiet ippubblikata fil-21 ta' Ġunju 2004 fuq il-portal ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità ([9])

([1]) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/55/KE (ĠU L 114, -tal-21.4.2004, p. 18).

([2]) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, ta' l-3.7.2003, p. 23).

([3]) ĠU L 93, tas-17.4.1968, p. 15. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 268, tat-18.10.2003, p. 1).

([4]) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE.

([5]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 12. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2003/61/KE.

([6]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 33. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

([7]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 60. Direttiva kif l-aħħar emendata bid- Direttiva 2003/61/KE.

([8]) ĠU L 193, ta' l-20.7.2002, p. 74. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE.

([9]) http://europa.eu.int/comm/food/plant/call2004/index_en.htm.

(4) Il-proposti ġew assessjati skond il-kriterji ta' selezzjoni u aġġudikazzjoni pprovduti fis-sejħa għall-proġetti. Il-proġetti, l-istituzzjonijiet risponsabbli għat-twettiq tat-testijiet u l-ispejjeż eliġibli kif ukoll l-ogħla kontribuzzjoni finanzjarja minn-naħa tal-Komunità, li tikkorrispondi għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli, jridu jiġu stabbiliti.

(5) Il-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità jridu jitwettqu fis-snin 2005 sa l-2009 fuq żrieragħ u materjal għall-propagazzjoni maħsud fl-2004 u d-dettalji ta' dawn il-provi u testijiet, l-ispejjeż eliġibli kif ukoll l-ogħla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità jridu wkoll jiġu stabbiliti kull sena permezz ta' ftehim iffirmat mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni u l-korp risponsabbli għall-iżvolġiment tal-provi.

(6) Għall-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità li ser idumu sejrin għal aktar minn sena, l-oqsma tal-provi u tat-testijiet ta' wara l-ewwel sena jridu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni mingħajr konsultazzjoni oħra mal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal għall-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Foresterija, bil-kundizzjoni li l-approprjazzjonijiet meħtieġa jkunu disponibbli.

(7) Ir-rappreżentattività adegwata tal-kampjuni inklużi fil-provi u fit-testijiet trid tkun aċċertata, għal mill-anqas ċertu pjanti selezzjonati.

(8) L-Istati Membri jridu jieħdu sehem fil-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità, peress illi ż-żrieragħ tal-pjanti kkonċernati huma normalment riprodotti jew imqegħda fis-suq fit-territorju tagħhom, sabiex ikun aċċertat li jittieħdu il-konklużjonijiet xierqa minnhom.

(9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar Żrieragħ u Materjal Għall-Propagazzjoni fl-Agrikoltura, Ortikoltura u Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Provi u testiijiet komparattivi tal-Komunità ser isiru fis-snin 2005 sa l-2009 fuq żrieragħ u materjal għall-propagazzjoni tal-pjanti elenkati fl-Anness.

L-ispejjeż eliġibli kif ukoll l-ogħla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-provi u għat-testijiet għall-2005 ser jiġu stipulati fl-Anness.

Id-dettalji tal-provi u tat-testijiet huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Sakemm materjal għall-propagazzjoni jew għat-tħawwil tal-pjanti elenkati fl-Anness huma normalment riprodotti jew imqegħda fis-suq fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġbru kampjuni ta' dan il-materjal u jagħmluhom disponibbli lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tkompli bil-provi u bit-testijiet li jinsabu fl-Anness fl-2006 sa l-2009, jekk ma jkunx hemm restrizzjonijiet ta' buġit.

L-ogħla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità li tikkorrispondi għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli ta' prova jew test li jitkompla fuq din il-bażi ma tridx teċċedi l-ammont speċifikat fl-Anness.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fis-27 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Provi u testijiet li jridu jitwettqu fl-2005

Speċi	Korp Responsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spejjeż eliġibli (euro)	L-ogħla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Beta vulgaris (pitrava zokkrija)	NAK Emmeloord (O)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	21 413	17 130
Pjanti ta' l-għalf (*Agrostis* spp., *D. glomerata* L., *Festuca* spp., *Lolium* spp., *Phleum* spp., *Poa* spp.) inklużi it-taħlitiet (*)	CLO Merelbeke (B)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	23 467	18 774
	NAK Emmeloord (NL)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	19 941	15 953
	NIAB Cambridge (UK)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	27 381	21 904
Vicia (*V. Faba, V. pannonica, V. sativa* u *V. villosa*)	NIAB Cambridge (UK)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	60	16 716	13 373
Triticum durum (qamħ durum)	AGES Vienna (A)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	60	17 578	14 062
Zea mays	OMMI Budapest (HU)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	15 763	12 611
Patata	ENSE Milano (I)	Identità u purezza tal-varjetà, Saħħa tal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (taħsir ċirkulari/kannella/pstv) (laboratorju)	300	89 773	71 818
Linum usitatissimum	NAK Emmeloord (NL)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	19 660	15 728
	UKSUP Bratislava (SK)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	23 746	18 997
Ħxejjex (*Cichorium endivia* L. - endive, hass- *Lactuca sativa* L. u tursin-*Petroselinum crispum* (Miller) Nyman ex A. W. Hill)	GNIS-SOC Paris (F)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 806	29 445

Speċi	Korp Responsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spejjeż eliġibli (euro)	L-oghla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti ghal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Capsicum annuum	OMMI Budapest (HU)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	80	31 676	25 340
Asparagus officinalis (*)	BSA Hannover (D)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 227	28 982
Vitis vinifera	ENTAV Le Grau du Roi (F)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa), Saħħa tal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	150	47 700	38 160
	ISV Conegliano (I)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa), Saħħa tal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	150	37 545	30 036
		SPEJJEŻ TOTALI	372 313		

(*) Provi u testijiet li jieħdu iktar żmien minn sena waħda.

Provi u testijiet li jridu jitwettqu fl-2006

Speċi	Korp Risponsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spejjeż eliġibli (euro)	L-oghla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti ghal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Pjanti ta' l-għalf (*Agrostis* spp., *D. glomerata* L., *Festuca* spp., *Lolium* spp., *Phleum* spp., *Poa* spp.) inklużi it-taħlitiet (*)	CLO Merelbeke (B)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	23 905	19 124
	NAK Emmeloord (NL)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	15 145	12 116
	NIAB Cambridge (UK)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	250	27 382	21 906
Asparagus officinalis (*)	BSA Hannover (D)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 227	28 982
		SPEJJEŻ TOTALI	82 128		

(*) Provi u testijiet li jieħdu iktar żmien minn sena waħda.

Provi u testijiet li jridu jitwettqu fl-2007

Speċi	Korp Risponsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spgejjeż eliġibli (euro)	L-oghla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Asparagus officinalis (*)	BSA Hannover (D)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 227	28 982
			SPEJJEŻ TOTALI	28 982	

(*) Provi u testijiet li jieħdu iktar żmien minn sena waħda.

Provi u testijiet li jridu jitwettqu fl-2008

Speċi	Korp Risponsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spejjeż eliġibli (euro)	L-oghla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Asparagus officinalis (*)	BSA Hannover (D)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 227	28 982
			SPEJJEŻ TOTALI	28 982	

(*) Provi u testijiet li jieħdu iktar żmien minn sena waħda.

Provi u testijiet li jridu jitwettqu fl-2009

Speċi	Korpi Risponsabbli	Kundizzjonijiet li jridu jiġu Stmati	Numru ta' Kampjuni	Spejjeż eliġibli (euro)	L-oghla kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % ta' l-ispejjeż eliġibli) (euro)
Asparagus officinalis (*)	BSA Hannover (D)	Identità u purezza tal-varjetà (għalqa) Kwalità esterna taż-żerriegħa (laboratorju)	100	36 227	28 982
			SPEJJEŻ TOTALI	28 982	

(*) Provi u testijiet li jieħdu iktar żmien minn sena waħda.